**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Joseph Borg (ID254453M) f'ismu personali u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fairsight Developments Limited (C-6368)**

**Vs**

**Colin McKenzie Stewart (Passaport numru 800373151)**

**Rikors Gur Numru: 162/17**

Illum 3 ta' Mejju 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors gruamentat tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. Illi bis-sahha tal-iskrittura privata ta' lokazzjoni tal-20 ta' Novembru 2015, li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A', ir-rikorrenti Joseph Borg kera lill-intimat il-garaxx internament immarkat 47, fil-lower basement level ta' kumpless ta' garaxxijiet jismu 'Les Maisons', fi Triq il-Gizimin, Swieqi, kif ahjar deskritt fl-anness Dok 'A', ghal zmien sena (mill-21 ta' Novemrbu 2015 sal-20 ta' Novembru 2016) u bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-istess skrittura Dok 'A';

2. Illi meta wasal iz-zmien tal-iskadenza tal-perijodu lokatizju, jigifieri fl-20 ta' Novembru 2016, l-intimat naqas li jirritorna c-cwievet lura lir-rikorrent u baqa' ma vvakax mill-imsemmi garaxx;

3. Illi ai termini tal-istes skrittura l-inkwilin jehel penali ta’ €50 kuljum ghal kull gurnata li jiddawwar ma jivvaka mill-garaxx mikri lilu;

4. Illi r-rikorrent kien baghat ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 li biha talab il-penali dovuti mill-21 ta’ Novembru 2016 sas-6 ta’ Frar 2017, izda minkejja li debitament notifikat l-intimat baqa’ ma kkontestax l-imsemmija ittra u lanqas ma ghamel il-hlas dovut, u ghalhekk ghall-penali dovuti sas-6 ta’ Frar 2017 ir-rikorrent ghandu titolu ezekuttiv kontra l-intimat;

5. Illi sa llum l-intimat ghadu ma rritomax ic-cwievet tal-garaxx lir-rikorrent u anqas ma zvojta l-garaxx mill-oggetti personali tieghu.

6. Illi barra minn hekk ghadhom jiddekorru ukoll kontra l-intimat il-penali bir-rata ta' €50 kuljum mis-7 ta' Frar 2017 ‘il quddiem;

7. Illi ghalhekk ir-rikorrent ma fadallux triq ohra ghajr li jipprocedi ghall-evizzjoni tal-intimat mill-garaxx fuq imsemmi u ghall-hlas tal-penali dovuti lilu mis-7 ta' Frar 2017 sad-data effettiva tal-evizzjoni;

8. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimat ma ghandu ebda difiza x 'jaghti kontra t-talbiet tar- rikorrent;

9. Illi ma' dan ir-rikors qieghdin jigu annessi wkoll affidavit tar-rikorrent u iehor ta' martu (Dok 'C' u 'D');

10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jghaddi biex jiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-istess Artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu, previa kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

1. Jaqta' u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu

16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jordna lill-intimat jivvaka mill-garaxx intemament immarkat 47, *fil-Iower basement level* ta' kumpless ta' garaxxijiet jismu 'Les Maisons', fi Triq il-Gizimin, Swieqi, kif ahjar deskritt fl-anness Dok ' A', u jizgombra l-effetti personali tieghu kollha mill-istess garaxx;

3. Jiddikjara Iill-intimat responsabbli ghall-hlas ta' penali ta' hamsin Ewro (€50) kuljum lir-rikorrent mis-7 ta' Frar 2017 sal-gurnata tal-evizzjoni effettiva tal-intimat mill-garaxx fuq imsemmi;

4. Jordna lill-intimat sabiex ihallas l-istess penali lir-rikorrent, bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza finali;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 250/17 hawn annessa bhala Dok 'B' u tal-mandat ta' sekwestru numru 732/2017.

Bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smiegh.

Ra li l-intimat ma deherx ghas-seduta biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li fl-20 ta' Novembru 2015 giet iffirmata skrittura ta' lokazzjoni fejn permezz taghha r-rikorrenti kera lill-intimat il-garaxx mertu tal-vertenza odjerna. ghal zmien sena. Meta t-terminu lokatizju skada l-intimat

naqas li jirritorna c-cwievet u baqa' ma vvakax il-garaxx. Ir-rikorrent baghat ukoll ittra ufficjali lill-intimat sabiex ihallas il-penali li kienu miftehma fl-iskrittura tenut kont li ma vvakax fiz-zmien stipulat u biex jirritorna c-cavetta izda la rritorna c-cavetta u wisq anqas hallas il-penali. Mid-data tal-prezentata tal-kawza s-sitwazzjoni baqghet kif kienet.

L-intimat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Billi l-Bord iqis li t-talbiet tar-rikorrent jimmeritaw li jintlaqghu billi huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ai fini tat-tieni talba jipprefiggi terminu perentorju ta' tletin (30) jum.

Bl-ispejjez kif mitluba a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**